



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.4.2013  
COM(2013) 210 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-politika ta' koeżjoni: Rapport strateġiku tal-2013  
dwar l-implimentazzjoni tal-programm għal bejn l-2007 u l-2013**

{SWD(2013) 129 final}

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-politika ta' koeżjoni: Rapport strateġiku tal-2013  
dwar l-implimentazzjoni tal-programm għal bejn l-2007 u l-2013**

**1. INTRODUZZJONI**

Dan ir-rapport jipprovdi t-tieni ħarsa ġenerali strateġika tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni għal bejn l-2007 u l-2013 li se jintemmu fl-2015. L-ewwel rapport ġie ppreżentat f'Marzu tal-2010 Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor is-27 rapport strateġiku ppreżentati mill-Istati Membri fi tmiem l-2012<sup>1</sup>.

Il-politika ta' koeżjoni tinvesti biex timmodernizza l-ekonomiji nazzjonali u reġjonali billi tappoġġja l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi fl-SMEs, ir-R&Z, is-swieq tax-xogħol u l-kapital uman, billi tibni infrastrutturi ta' netwerks prinċipali, tiproteġi l-ambjent, ittejjeb l-inklużjoni soċjali u tibni l-kapaċità amministrattiva. L-implimentazzjoni effettiva tal-politika saret saħansitra iktar importanti wara l-2008 fid-dawl tal-kriżi ekonomika peress li hija tiżgura t-tkomplija tal-investment pubbliku fil-kuntest tal-konsolidazzjoni fiskali f'bosta Stati Membri.

Ir-rapporti jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-isfidi soċjoekonomiċi li l-Istati Membri qed jiffaċċjaw u l-implimentazzjoni tal-programmi ffinanzjati mill-UE f'perjodu ta' diffikultà storika. B'hekk, dawn jikkontribwixxu biex tissaħħaħ it-trasparenza fit-tweqqiq tal-għanijiet tal-politika ta' koeżjoni u r-responsabbiltà għalih.

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal<sup>2</sup> mehmuż jispjega kif il-Kummissjoni bdiet tivvaluta l-progress u jippreżenta 13-il folja tematika li jlaqqgħu materjal dwar l-implimentazzjoni.

Dan ir-rapport juri li, mir-rapport tal-2010, l-implimentazzjoni aċċelerat biex b'hekk tat kontributi importanti ħafna f'oqsma neċessarji għas-sostenn tat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Bl-istess mod, l-evidenza tindika b'mod ċar il-progress miksub lejn l-għanijiet stabbiliti fil-bidu tal-perjodu.

Il-politika wriet ukoll il-kapaċità tagħha li tadatta għal ċirkustanzi li qed jinbidlu u li tirreaġixxi b'mod effettiv għall-kriżi. Minkejja dan, għadhom mistennija riżultati sinifikanti u addizzjonali mill-programmi sa tmiem l-2015 u huwa importanti li jinżammu u saħansitra jiġu rduppjati l-isforzi li saru sa issa.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni pproponiet bidliet sinifikanti għall-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020 marbuta ma' ħafna mill-kwistjonijiet analizzati f'dan ir-rapport: il-konċentrazzjoni tar-riżorsi, il-fokus fuq ir-riżultati, rapportaġġ affidabbli bbażat fuq indikaturi komuni, qafas ta' prestazzjoni u evalwazzjoni. Dan ir-rapport u d-dokumentazzjoni mehmuża jappoġġaw ir-rilevanza tal-bidliet proposti.

---

<sup>1</sup> L-Artikoli 29-30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006. Ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku jinsabu hawnhekk: [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/how/policy/strategic\\_report\\_en.cfm](http://ec.europa.eu/regional_policy/how/policy/strategic_report_en.cfm).

<sup>2</sup> SWD (2013) 129 finali, 18.04.2013.

## 2. L-IŻVILUPPI U X-XEJRIET SOĊJOEKONOMIĊI

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika li bdiet fl-2008 biddlet b'mod drammatiku l-kuntest għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Fl-2008, it-tkabbir tal-PDG fl-UE diġà kien baxx ħafna (0.3 %), iżda fl-2009 dan naqas b'iktar minn 4 %. Fl-2010 u l-2011, l-UE marret lura għal rati ta' tkabbir pożittivi, iżda aktarx li kien hemm kontrazzjoni ulterjuri fl-2012<sup>3</sup>. Ir-riċessjoni kienet partikolarment gravi fl-Istati Baltiċi, il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja. L-Istati Baltiċi u l-Irlanda rnexxielhom jirpiljaw bi tkabbir pożittiv li mistenni jkompli jikber. Il-Portugall u Spanja xorta se jibqgħu f'riċessjoni fl-2012 u l-2013 iżda huma mistennija jergħu lura għal tkabbir pożittiv fl-2014. Ċipru, u l-Greċja, madankollu, qed jibqgħu jiffaċċjaw tnaqqis fil-PGD<sup>4</sup>.

L-impjiegi fl-UE naqsu b'mod sinifikanti mindu bdiet il-kriżi. Matul il-ħames snin sal-aħħar kwart tas-sena 2012 intilfu sitt miljun impjieg. Wara rkupru żgħir mill-bidu tal-2010 reġgħu qabdu t-triq tan-niżla min-nofs l-2011. Ir-raba' kwart tal-2012 ra tnaqqis fl-impjiegi ta' 0.4 % meta mqabbel mar-raba' kwart tal-2011.

F'Jannar 2013 il-qgħad kien 10.8 % meta mqabbel mat-8.1 % f'Jannar 2009. L-aħħar dejta turi b'mod ċar id-diverġenza fost l-Istati Membri, speċjalment bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar taż-Żona tal-Ewro. Id-differenza fir-rati tal-qgħad ta' dawn iż-żewġ reġjuni kienet ta' 3.5 punti fis-sena 2000, fl-2007 niżlet sa żero, iżda minn dakinhar 'l hawn kibret malajr, sakemm laqet l-10.5 punti fl-2012. Id-differenza bejn l-oġħla u l-inqas rati tal-qgħad, 4.9 % (AT – Jannar 2013) u 27.0 % (EL – Novembru 2012), hija l-akbar differenza li qatt ġiet irreġistrata. Id-dgħufija fl-attività ekonomika se tkompli taffettwa b'mod negattiv lis-swieq tax-xogħol. Ir-rata tal-qgħad fl-UE hija mistennija tkompli tiżdied sa ma tilħaq il-11 % fl-2013 u l-2014.

It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku pprovoka deterjorament qawwi fil-klima tan-negożju u fil-fiduċja tal-konsumatur. L-investimenti totali (formazzjoni ta' kapital fiss gross) naqsu minn 21 % tal-PDG fl-2008 għal 18 % fl-2012. L-esportazzjoni ta' oġġetti u servizzi u investimenti diretti barranin naqset f'daqqa fl-2009, iżda minn dak iż-żmien 'l hawn irkuprat.

L-evidenza<sup>5</sup> tissuġġerixxi li l-kriżi ekonomika u r-risponsi għaliha qed iwasslu biex jikbru d-differenzi reġjonali, eż. bejn ir-reġjuni kapitali jew tal-manifattura u reġjuni anqas żviluppati jew periferiċi.

## 3. IL-KRIŻI: PROBLEMI U SOLUZZJONIJIET

Ix-xokkijiet negattivi tal-kriżi la nħassu bl-istess mod u lanqas fl-istess ħin fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fl-bliet. Ħafna rapporti nazzjonali jirriflettu tendenzi wiesa', iżda ż-żmien u l-intensità jvarjaw.

Xi programmi raw tnaqqis fid-domanda għal żmien itwal ta' appoġġ għall-innovazzjoni, tnaqqis fid-daqs ta' ċerti proġetti, u perjodi ta' żmien itwal għat-twerttiq. Fl-istess ħin, dejjem qed tikber id-domanda għal, jew ir-rikorrenza għal, dawn il-miżuri bħala interventi fis-suq tax-xogħol, sostenn ġeneriku għan-negożji u

<sup>3</sup> AGS 2013, Novembru 2012 - [http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/ags2013\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/ags2013_en.pdf).

<sup>4</sup> [http://ec.europa.eu/economy\\_finance/publications/european\\_economy/2013/pdf/ee1\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/european_economy/2013/pdf/ee1_en.pdf).

<sup>5</sup> It-8 Rapport ta' Progress, li jmiss.

Ara wkoll in-network ta' Evalwazzjoni Esperta tad-DĠ REGIO "Achievements of Cohesion Policy Synthesis report 2012" (ERDF/ Fond ta' Koeżjoni) Taqsima 2 - [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/information/evaluations/index\\_en.cfm](http://ec.europa.eu/regional_policy/information/evaluations/index_en.cfm)

aċċess għall-finanzi għall-SMEs. Ħafna programmi qed jaffaċċjaw problemi marbuta mal-kofinanzjament nazzjonali jew reġjonali<sup>6</sup> u l-varjazzjonijiet tar-rata tal-kambju<sup>7</sup>, iżda fuq nota aktar pożittiva qegħdin jesperjenzaw tnaqqis fl-ispejjeż tal-kostruzzjoni<sup>8</sup>.

Il-konsolidazzjoni fiskali laqtet l-investment fiss tal-gvern partikolarment ħażin: dan naqas bi 12% madwar l-UE f'termini reali fis-sentejn bejn l-2009 u l-2011 u b'minn tal-inqas l-istess ammont fil-BG, RO, ES, GR u PT. L-appoġġ tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni huwa ekwivalenti għal aktar minn terz tan-nefqa kapitali annwali tal-gvern fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE12 matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Billi, madankollu, ħafna mill-finanzjament kollu disponibbli għad irid jitħallas lill-Istati Membri, l-ammont li għad irid jiġi ddikjarat sal-aħħar tal-perjodu huwa ekwivalenti għal madwar nofs jew aktar l-infiq kapitali annwali fi tmien pajjiżi mill-pajjiżi tal-UE12 u għal kważi terz fil-GR u l-PT. Dan huwa ta' daqs simili fir-reġjuni ta' Konverġenza ta' ES u l-IT wkoll. Dawn iċ-ċifri jenfasizzaw l-importanza kritika tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għan-nefqa tal-iżvilupp f'ħafna partijiet mill-UE<sup>9</sup>.

Biex iwiegħbu għal dawn l-isfidi, l-istituzzjonijiet tal-UE rreaġixxew malajr billi mmobilizzaw l-istrumenti disponibbli kollha u, fejn meħtieġ, adattawhom.

### 3.1. Il-flessibilità tal-programm

Kważi EUR 36 biljun – jew 11 % tal-fondi totali – ġew riprogrammati minn qasam tematiku wieħed għal ieħor sa tmiem l-2012 biex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet l-iktar urġenti u jissaħħu ċerti interventi. Minn dawk, aktar minn EUR 30 biljun kienu jikkonċernaw lill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni u kważi EUR 5.5 biljun lill-FSE.

Il-bidliet ewlenin ġabu żidiet għall-innovazzjoni u r-R&Ż, appoġġ ġeneriku għan-negożji, l-enerġija sostenibbli, l-infrastruttura kulturali u soċjali, it-toroq u s-suq tax-xogħol. It-tnaqqis affettwa s-servizzi tal-informatika, il-miżuri ambjentali, it-trasport bil-ferrovija, trasport ieħor, it-taħriġ u l-edukazzjoni u l-miżuri tal-bini tal-kapaċità – iż-żoni kollha bi tnaqqis fid-domanda minħabba l-kriżi jew fejn ir-riżorsi pprogrammati kienu ambizzjużi żżejjed.

Il-Kummissjoni appoġġjat lill-Istati Membri f'dan ix-xogħol ta' pprogrammar mill-ġdid. L-ewwel nett, f'Lulju 2011, hija waqqfet Task Force biex tgħin lill-Greċja timplimenta il-programm ta' aġġustament tal-UE/FMI u tħaffef l-assorbiment tal-fondi tal-UE. Imbagħad fl-2012, il-Kunsill Ewropew approva t-timijiet ta' azzjoni taż-Żgħażaġħ/tal-SMEs f'għażla ta' Stati Membri biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (ara 4.1).

### 3.2. Miżuri oħra ta' kontra l-kriżi

Bħala parti mir-reazzjoni tagħhom għall-kriżi finanzjarja, l-istituzzjonijiet tal-UE qablu dwar pakkett ta' miżuri biex jipromwovu s-simplifikazzjoni u jtejbu l-fluss

<sup>6</sup> CZ, GR, IT, PL, PT, RO, u SK.

<sup>7</sup> PL u UK.

<sup>8</sup> BG u PL.

<sup>9</sup> In-network ta' evalwazzjoni tal-esperti dwar il-prestazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni għal bejn l-2007 u l-2013. Sinteżi tar-Rapporti Nazzjonali 2012: [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/information/evaluations/index\\_en.cfm#1](http://ec.europa.eu/regional_policy/information/evaluations/index_en.cfm#1).

tal-finanzjament tal-UE<sup>10</sup>. Għal darba oħra fir-rapport nazzjonali tal-2012 jissemmew ħafna erba' miżuri:

- **It-titjib tal-fluss tal-flus tal-awtoritajiet tal-programm:** ħlasijiet bil-quddiem addizzjonali tal-UE, li saru fl-2009, ta' EUR 6.25 biljun intużaw l-aktar sabiex jiffinanzjaw benefiċjarji pubbliċi bil-quddiem (eż., muniċipalitajiet).
- **Dikjarazzjoni ta' nefqa relatata ma' proġetti ewlenin li għadhom ma ġewx approvati:** użata minn kważi l-Istati Membri kollha għall-proġetti kbar ta' infrastruttura.
- **Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni ta' proċeduri nazzjonali jew reġjonali:** implimentazzjoni aktar rapida ġiet żgurata, billi jitħallsu ħlasijiet bil-quddiem lill-awtoritajiet pubbliċi u billi jiżdiedu l-ħlasijiet bil-quddiem lill-intrapriżi minn skemi ta' għajjnuna<sup>11</sup>.
- **It-tnaqqis tal-kofinanzjament nazzjonali:** B'rispett għal-limitu regolatorju, il-Kummissjoni approvat tnaqqis fir-rekwiżiti ta' kofinanzjament nazzjonali għal xi Stati Membri (ES, GR, IE, IT, LT u PT u sa ċertu punt BE, FR u UK). Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet tal-UE approvaw aktar tnaqqis fil-kofinanzjament nazzjonali billi żiedu temporanjament ir-rati ta' kofinanzjament għal 95 % għall-Istati Membri bl-akbar diffikultajiet baġitarji (GR, HU, IE, LV, PT u RO). L-effett tal-kofinanzjament pubbliku nazzjonali huwa li jnaqqas it-total tal-volumi ta' investiment tal-programm b'madwar EUR 15.5 biljun – madwar 3.1 % tat-total tal-investiment ippjanat jew kważi 11 % tal-kofinanzjament pubbliku nazzjonali. L-akbar tnaqqis relattiv fil-kofinanzjament pubbliku seħħ fl-IE, il-PT, il-LV, il-GR, u ES u kien ivarja minn 26 % (ES) sa 47 % (IE). L-għan kien li titneħħa l-pessjoni minn fuq il-baġits nazzjonali fi żmien ta' kriżi filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat investiment kontinwu fi proġetti b'potenzjal ta' tkabbir u ta' ħolqien tax-xogħol.

### 3.3. Sfidi oħra ta' implimentazzjoni

Filwaqt li r-rapporti jikkwotaw il-kriżi bħala l-kawża prinċipali tad-diffikultajiet<sup>12</sup>, xi wħud jidentifikaw fatturi kontributorji oħra. Dawn jinkludu l-bidu tard tal-programmi minħabba l-estensjoni tal-perjodu preċedenti, nuqqas (jew saħansitra tnaqqis) sottostanti fil-kapaċità amministrattiva, l-isfidi fit-tħejjija ta' proġetti kbar tal-infrastruttura u fil-kisba tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni, bidliet fil-leġiżlazzjoni, sjieda politika inkonsistenti (bidliet fil-gvernijiet nazzjonali u reġjonali, bidliet fl-istituzzjonijiet) u l-effetti ta' riformi settorjali nazzjonali.

## 4. IL-KONTRIBUT GĦAL KOMPETITTIVITÀ EKONOMIKA U L-ĦOLQIEN TAL-IMPJIEGI

Il-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni tfasslu biex jikkontribwixxu għall-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi. L-Istrateġija ta' Liżbona ġiet segwita fl-2010 mill-istrateġija Ewropa 2020. Kunsilli Ewropej suċċessivi kkonfermaw il-miri tal-UE2020 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropej ta' Ġunju 2012 dwar il-Patt għal Tkabbir u Impjiegi enfasizzaw ir-rwol tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni fl-appoġġ ta' daww l-għanijiet.

<sup>10</sup> [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/sources/docoffic/2007/working/economic\\_crisis\\_sec20101291.pdf](http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/2007/working/economic_crisis_sec20101291.pdf)

<sup>11</sup> BG, CY, ES, HU, IE, IT, LT, LV, SI, u UK

<sup>12</sup> BG, IT, LT, LV, PL, RO, SI, u SK.

Ħafna mill-Istati Membri jgħidu li l-istrateġiji u l-oġġettivi tal-investiment inizzjali tagħhom jibqgħu validi minkejja l-bidla qawwija fil-kuntest soċjoekonomiku kaġun tal-kriżi . Il-maġġoranza tar-rapporti huma fiduċjużi li l-programmi se jiksbu l-maġġoranza tal-għanijiet tagħhom.

Għadd ta' rapporti jenfasizzaw li l-politika ta' koeżjoni kienet strumentali sabiex jiġi sostnut l-investiment pubbliku f'oqsma ekonomiċi vitali bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-għajnuna għall-SMEs u l-enerġija sostenibbli, l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid, l-inklużjoni soċjali, ir-riformi fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-isfidi tas-suq tax-xogħol.

L-Istrumenti Finanzjarji intużaw fi kważi l-Istati Membri kollha biex isostnu l-investiment u l-ħolqien tal-impjiegi fl-SMEs f'perjodu ta' diżingranaġġ mis-settur finanzjarju. Fi tmien l-2011, il-programmi ta' Koeżjoni kienu kkontribwixxew aktar minn EUR 8.9 biljun (4.4 % mit-total tal-FEŻR) għall-istrumenti finanzjarji għall-intrapriżi, li minnhom aktar minn EUR 3.6 biljun (40 %) ġew imħallsa lill-intrapriżi.

L-importanza tal-FSE fil-ġestjoni tal-kriżi tiddependi mir-rwol tiegħu fl-appoġġ għas-suq tax-xogħol. Għal dawk l-Istati Membri milquta ħażin mill-kriżi iżda li jħaddnu l-kapaċità li jirreaġixxu, il-FSE kien is-sors ewlieni ta' appoġġ għal politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Huwa għen biex isaħħaħ dawn il-politiki f'dawk l-Istati Membri li qed jaffaċċjaw restrizzjonijiet baġitarji fejn, storikament, kien hemm it-tendenza li jappoġġja prinċipalment miżuri passivi. F'dawn il-pajjiżi, il-bidliet fil-programmi kienu marbuta direttament ma' bidliet fil-politiki tas-suq tax-xogħol.

Diversi Stati Membri jenfasizzaw ir-rwol li l-FEŻR u l-FSE jaqdu fit-trawwim ta' sforzi ta' riforma nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam ta' regolamentazzjoni aħjar, ir-riforma tas-sistemi edukattivi, is-suq tax-xogħol, l-amministrazzjoni pubblika, u r-riformi strutturali fis-settur tal-ilma. Barra minn hekk, il-FSE rawwem il-bini tal-kapaċità għas-sħab soċjali.

L-Istati Membri jiddeskrivu wkoll azzjoni li jkunu ħadu b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi approvati mill-Kunsill tal-UE. Pereżempju, il-PL jirrapporta dwar l-azzjonijiet rimedjali bħal pjan ferrovjarju, ir-riforma tal-edukazzjoni oġhla u t-tlaqqiġ tax-xjenza man-negozju permezz ta' "Nibnu fuq l-għarfien". Il-LT tirrapporta dwar miżuri biex tiġi indirizzata r-rati għolja ta' qgħad, kif ukoll biex tittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija fil-bini. Ir-UK jenfasizza r-rwol tal-politika ta' Koeżjoni fit-trawwim tal-produttività reġjonali u fit-tanqil tat-tkabbir u l-impjiegi.

#### 4.1. Niffukaw fuq iż-Żgħażaġħ u l-SMEs

F'Jannar 2012 il-Kunsill Ewropew approva inizzjattiva għat-Timijiet ta' Azzjoni taż-Żgħażaġħ/tal-SMEs fit-tmien Stati Membri l-aktar milquta mill-qgħad fost iż-żgħażaġh. Bħala riżultat tax-xogħol tat-Timijiet ta' Azzjoni<sup>13</sup> tal-uffiċjali tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti nazzjonali, huwa stmat li 780,000 żaġħżuġh ieħor x'aktarx li jgawdu mir-riallokazzjonijiet tal-FSE għall-impjiegi għaż-żgħażaġh u l-programmi ta' taħriġ. Il-miżuri tal-FEŻR skont din l-inizzjattiva jistgħu jappoġġjaw 54,800 SME addizzjonali meta mqabbla ma' dak li kien oriġinarjament ipplanat. Dawn ir-riżultati juru l-azzjoni ambizzjuża li għadd ta' Stati Membri ħadu bħala reazzjoni għal-livelli għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh.

<sup>13</sup> [http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/barroso/report\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/barroso/report_en.pdf)

## 4.2. Il-kwantifikazzjoni tal-progress fil-kisba tal-objettivi ta' politika

Ir-rapporti fihom bosta ġabriet ta' informazzjoni u dejta. Dan huwa l-ewwel perjodu ta' programm li fih il-Kummissjoni tista' taggrega u tanalizza dejta marbuta ma' indikaturi ta' output komuni fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni u r-rapporti strateġiċi nazzjonali. Din id-dejta turi li l-politika ta' koeżjoni tat riżultati tanġibbli fil-prattika u li meta mqabbel mas-snin ta' qabel, hemm aċċellerazzjoni konsiderevoli fl-outputs u r-riżultati rrapportati fl-2011.

Il-kisbiet konkreti li ġejjin irrapportati mill-programmi jistgħu jiġu aggregati fil-livell Ewropew<sup>14</sup>.

- Sal-lum inħolqu kważi 400 000 impjieg, b' 190 000 mill-2010. Dawn jinkludu:
  - aktar minn 15 600 impjieg fir-riċerka (9 500 mill-2010)
  - aktar minn 167 000 impjegi fl-SMEs (69 100 mill-2010)

L-akbar għadd ta' impjegi ġodda rrapportati kienu fir-UK, l-IT, il-DE, ES, il-PL u l-HU. Dan juri li l-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni jħalli effett pożittiv fuq ix-xogħol u f'xi każijiet effett kontraċikliku sinifikanti.

- Ingħata appoġġ għal 53 240 proġett tar-RTD u 16 000 proġett ta' kooperazzjoni bejn intrapriżi u istituzzjonijiet ta' riċerka.
- 53 160 negozju ġdid ġew appoġġjati (28 000 mill-2010) l-aktar fl-UE15 iżda b'għadd sinifikanti wkoll fl-HU u l-PL.
- Kważi 1.9 miljun aktar nies issa għandhom aċċess għall-broadband (kkonċentrati fi ES, FR, l-IE, l-IT).
- Inħolqu 1 222 megawatt ta' kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mis-sorsi rinnovabbli mill-2007 l-aktar fl-UE15<sup>15</sup>.
- 2.6 miljun aktar nies issa huma moqdiya minn proġetti li jikkonċernaw il-provvista tal-ilma u 5.7 miljun aktar nies minn proġetti tal-ilma mormi.
- Tnedew aktar minn 5 000 proġett tat-trasport u r-riżultati qed jibdew jidhru fil-prattika: 460 km ta' toroq TEN-T u 334 km ta' ferroviji TEN-T<sup>16</sup>.
- Kważi 3.4 miljun ruħ għandhom aċċess għal trasport urban imtejjeb.
- Aktar minn 19 000 proġett tal-infrastruttura tal-edukazzjoni rċevew appoġġ, li jgawdu minnhom 3.4 miljun student, l-aktar fl-IT, iżda b'kisbiet sinifikanti wkoll fil-BG, ES, il-GR.

Għall-FSE, kienu hemm aċċellerazzjoni sinifikanti fin-numru ta' parteċipanti bejn l-2009 u l-2010 (minn 10 għal aktar minn 15-il miljun parteċipant kull sena) u dan il-livell għoli nżamm. Il-profil tal-parteeipanti huwa ferm varjat u jirrifletti d-diversi kundizzjonijiet nazzjonali u l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-FSE. Mill-2007 sa tmiem l-2011, l-Istati Membri rrapportaw ir-riżultati li ġejjin:

<sup>14</sup> Aktar dettalji mqasma skont l-Istat Membru jistgħu jinstabu fil-folji informattivi tematiċi li jakkumpanjaw dan ir-rapport.

<sup>15</sup> Din iċ-ċifra hija sottostmata peress li r-reġjuni u l-Istati Membri li jużaw unitajiet ta' kejl differenti kellhom jiġu esklużi mill-aggregazzjoni.

<sup>16</sup> Dawn in-numri huma mistennija jżiedu b'mod sinifikanti fix-xhur li ġejjin billi t-twassil ta' proġetti tal-infrastruttura ewlenin jieħu ż-żmien u ħafna riżultati se jkunu disponibbli biss fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni.

- Kien hemm 12.5 miljun parteċipant fl-azzjonijiet tal-FSE biex isostnu l-aċċess għall-impjieg permezz ta' taħriġ jew forom oħra ta' assistenza. Żewġ terzi tal-parteċipanti kollha kienu inattivi jew qiegħda. Bħala riżultat, 2.4 miljun persuna sabu xogħol fi żmien 6 xhur li kien tlesta l-intervent, kiswa sinifikanti minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku.
- 15-il miljun parteċipant kienu żgħażaġh (taħt l-24 sena) u ċ-ċifra żdiedet b' mod sinifikanti fl-2010 u 2011 b'reazzjoni għall-kriżi. Fil-DE, FR u l-HU ż-żgħażaġh jammontaw għal 40 % jew aktar mill-parteċipanti kollha.
- Kważi nofs (46 %) il-parteċipanti ma għandhomx aktar minn livell ta' edukazzjoni sekondarja baxxa. Fil-DE, il-GR u MT dawn jammontaw għal aktar minn 60 % tal-parteċipanti kollha iżda huma inqas minn 20 % fil-FI, l-SE, is-SI u CY. F'CY, l-EE, il-LT u s-SI, 40 % jew aktar għandhom edukazzjoni terzjarja.
- Fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (LLL), il-FSE appoġġja madwar 5 miljun zaġġu u zaġġu. Rigward il-profil edukattiv, 5.5 miljun parteċipant kellhom ħiliet baxxi<sup>17</sup>.
- Sa issa, aktar minn 14.5 miljun benefiċjarju finali kienu koperti u firxa wiesgħa ta' gruppi fil-mira intlaħqu fil-qasam tal-inklużjoni soċjali. 18 % tal-parteċipanti kienu minn gruppi li huma partikolarment vulnerabbli fis-suq tax-xogħol. Għalkemm is-sitwazzjoni tvarja, ir-UK u l-AT jidhru li huma partikolarment ta' suċċess biex jilħqu lin-nies b'xi forma ta' diżabilità. Oħrajn, speċjalment l-AT, CY, il-NL u l-LV qed jirnexxihom jużaw il-FSE biex jappoġġaw lill-persuni ġejjin minn xi minoranza jew li għandhom passat ta' migrazzjoni.
- Madwar 700,000 parteċipant, notevolment ħaddiema taċ-ċivil, aġġornaw il-ħiliet tagħhom bl-appoġġ tal-FSE. Erba' Stati Membri (BG, GR, HU, u RO) implimentaw programm iddedikat speċifikament għall-bini tal-kapaċità istituzzjonali.
- Aktar minn nofs il-parteċipanti tal-FSE (52 %) huma nisa, li huwa skont l-għan ġenerali tal-FSE li jipromwovi opportunitajiet ugwali u jgħolli l-livell medju tal-parteċipazzjoni għan-nisa fost dawk li jaħdmu. F'CY, l-EE, il-LT, il-LV dawn jammontaw għal aktar minn 60 %.

Din l-informazzjoni ttiprovdi għarfien importanti dwar l-implimentazzjoni li ma kellniex qabel, anke jekk ma tkoprix l-effetti sħaħ tal-politika peress li ħafna indikaturi oħra ma jistgħux jiġu aggregati. Filwaqt li l-Kummissjoni tinnota progress konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin fil-kwalità tar-rapportaġġ, ħafna mill-awtoritajiet tal-programm jistgħu jagħmlu użu ikbar mill-indikaturi ewlenin għall-FEŻR/FK u jtejbju l-preċiżjoni tar-rappurtaġġ. Jintħieġ użu akbar ta' indikaturi ta' riżultat komuni għall-FSE wkoll. Id-dejta li tkopri sa tmiem l-2012 se tkun disponibbli f'nofs l-2013. Il-Kummissjoni se tkompli tippubblika d-dejta rrapportata sal-għeluq fl-2017.

#### 4.3. L-evidenza tal-evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tkejjel kif l-attivitajiet tal-programm jgħinu l-oġġettivi ta' politika u jaqdu rwol importanti għaliex jinfurmaw id-dibattitu politiku. Ir-rekwiżiti ta'

<sup>17</sup>

Għat-tagħlim tul il-ħajja, id-dejta kkwotata tkopri l-perjodu mill-2007 sa tmiem l-2010.



evalwazzjoni fuq l-Istati Membri matul dan il-perjodu ta' programmazzjoni ma jispeċifikawx hteġa għal evalwazzjoni tal-impatt. L-evidenza ġġenerata tirrelata mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Awtoritajiet Amministrattivi. Xi wħud, l-aktar il-Polonja u l-Italja, wettqu bosta evalwazzjonijiet sal-lum, ħafna minnhom fuq skala żgħira, iżda anke xi studji aktar strateġiċi. Franza u l-Isvezja laqqgħu flimkien ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet tagħhom.

Fl-ewwel nofs tal-perjodu ta' programmazzjoni l-evalwazzjonijiet kienu aktar orjentati lejn il-proċess, imfasslin sabiex jikkontribwixxu għal implimentazzjoni eħfef tal-programmi u sabiex jiġġustifikaw il-bidliet fil-programmi. Twettqu għadd kbir ta' evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu (sistematikament fil-DE, FR, il-NL, ir-UK). L-evalwazzjonijiet kellhom it-tendenza li jikkonfermaw il-validità tal-istrateġija inizjali, għalkemm bosta aġġustamenti rakkomandati kemm fl-allokkazzjoni tal-fondi u kif ukoll fil-proċeduri ta' implimentazzjoni. L-impatt tal-kriżi ekonomika kien ħafna drabi r-raġuni ewlenija għall-bidliet li qed isiru.

Mill-2011 tnedew aktar evalwazzjonijiet biex jiġu evalwati l-effetti tal-programmi. Filwaqt li huwa impossibbli li taggrega r-riżultati fost l-Istati Membri, reviżjoni ta' dawn l-evalwazzjonijiet għad-DĠ tal-Politika Reġjonali u Urbana<sup>18</sup> żvelat għadd dejjem akbar ta' evalwazzjonijiet tal-RTDI u miżuri ta' appoġġ għall-impriżi u inqas għall-infrastruttura (li mhuwiex sorprendenti għaliex dawn l-interventi jdumu aktar biex jagħtu r-riżultati). L-evalwazzjonijiet jirreġistraw riżultati pożittivi għall-RTDI. F'ħafna każijiet, l-interventi ġġeneraw massa kritika li ppermettiet qabża 'l quddiem fil-livell nazzjonali jew reġjonali tal-attività tar-R&Ż. Il-biċċa l-kbira tal-evalwazzjoniet ta' appoġġ għall-impriżi wkoll irrapportaw riżultati pożittivi.

In-numru ta' evalwazzjonijiet tal-programmi tal-FSE żdiedu b'mod sinifikanti mill-2010. Dawn juru li r-relevanza tal-FSE żdiedet b'mod drammatiku mill-bidu tal-perjodu tal-ipprogrammar, għalkemm il-kriżi kellha rwol negattiv fuq l-effikaċja tal-FSE.

Il-Kummissjoni qed tevalwa l-programmi attwali bl-użu ta' żewġ netwerks ta' evalwazzjoni esperta u qed tkompli din il-ħidma. L-evalwazzjoni *ex-post* tal-perjodu attwali hija meħtieġa sa tmiem l-2015. Il-ħidma tal-Kummissjoni tiddependi fuq id-disponibbiltà tas-sistemi ta' monitoraġġ u l-evalwazzjonijiet fl-Istati Membri u r-reġjuni. Huwa ċar li hemm bżonn ta' aktar evalwazzjonijiet ta' kwalità għolja tal-effetti tal-interventi, kemm matul il-perjodu attwali u kif ukoll fil-ġejjieni. Fil-perjodu ta' programmazzjoni għal bejn l-2014 u l-2020, għandu jkun hemm ir-rekwiżit għall-awtoritajiet ta' ġestjoni li jipproduċu pjan ta' evalwazzjoni u biex jevalwaw il-kontribut tal-interventi tal-politika ta' koeżjoni biex jinkisbu l-għanijiet tal-programmi.

#### **4.4. L-assorbiment tal-fondi**

Iċ-ċifri tat-Taqsima 4.2 juru biss parti mill-istorja minħabba li hemm dewmien fit-twassil tal-outputs u r-riżultati u mhux l-indikaturi kollha jistgħu jiġu aggregati fil-livell tal-UE. Dawn jistgħu jkunu kumplementati b'informazzjoni finanzjarja dwar ir-rata tal-għażla tal-proġetti u n-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni.

#### **Ix-xejriet tal-għażla tal-proġetti**


---

18

[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/sources/docgener/evaluation/pdf/eval2007/expert\\_innovati on/2011\\_synthesis\\_national\\_reports.pdf](http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/evaluation/pdf/eval2007/expert_innovati on/2011_synthesis_national_reports.pdf)

Ħames snin mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni u erba' snin qabel ma jintemm, il-volum finanzjarju rapportat ta' proġetti magħżula kien ta' EUR 246 biljun, li jirrappreżentaw 71 % tar-riżorsi disponibbli tal-UE. Il-grafika nru 1 turi varjazzjoni fl-għażla ta' proġetti skont it-tema, b'xi temi (eż., toroq, appoġġ għan-negozju ieħor, l-infrastruttura soċjali u l-wirt kulturali u t-turiżmu) 'l fuq mill-medja u oħrajn li għadhom lura (eż., l-innovazzjoni u r-R&Ż, il-ferrovija, is-servizzi tal-IT u l-broadband, l-enerġija u l-bini tal-kapaċitajiet). Dan l-aħħar grupp jinkludi żoni fejn l-amministrazzjonijiet għandhom inqas esperjenza fit-twassil tal-iskemi (l-innovazzjoni, l-informatika, il-bini tal-kapaċitajiet) kif ukoll oqsma bħall-ferroviji, li tradizzjonalment huma aktar kumplessi biex jitwasslu minn infrastrutturi oħrajn. Wara l-medji nsibu differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri.

## Grafika nru 1: Ir-rata ta' għażla tal-proġetti b'temi ewlenin - 2007-2011



Filwaqt li ċ-ċifri dettaljati tal-2012 mhux se jkunu notifikati formalment sa nofs l-2013<sup>19</sup>, l-aħħar stimi jpoġġu l-għażla ta' proġetti aggregati sal-aħħar tal-2012 għal 88 %, b'madwar EUR 304 biljun attwalment allokati għal proġetti.

### Ix-xejriet tal-ħlas


Il-progress fl-għażla tal-proġetti u l-ħlasijiet ivarja bejn l-Istati Membri kif muri fil-Grafika nru 2. Sar progress sinifikanti matul l-2012. Minħabba li hemm dewmien sistemiku bejn in-nefqa li ssir fil-prattika u d-dikjarazzjoni tagħha lill-Kummissjoni, il-progress huwa sottovalutat. Madankollu, għal dawk l-Istati Membri li jinsabu sew taħt il-medja hemm riskju, sakemm l-affarijiet ma jaċċellerawx b'mod sinifikanti, li l-proġetti ma jgħux implimentati fil-perjodu ta' programmazzjoni.

L-istampa tvarja ferm minn Stat Membru għal ieħor. L-assorbiment huwa ogħla fl-AT, il-BE, il-DE, l-EE, l-IE, il-LT, il-PT u l-SE. Ir-rati tan-nefqa huma speċjalment kajmana fil-BG, ir-CZ, l-HU, l-IT, MT, is-SK u, b'mod partikolari, ir-RO. F'dawn il-pajjiżi qed jikber ir-riskju li bin-nuqqas tal-mobilizzazzjoni pronta tal-fondi disponibbli tal-UE, volum sinifikanti minnhom se jintilef u l-għanijiet maħsuba ma jintlaħqux.

Ir-rata tal-infiq hija ġeneralment simili għall-fondi kollha. Madankollu, in-nefqa tal-FSE taqbeż dik tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni fl-AT, l-IT, il-LV, il-PT, u n-nefqa tal-FEŻR/FK hija akbar minn dik tal-FSE fil-BG, il-GR, l-HU, il-NL u l-SE.

<sup>19</sup> Din l-informazzjoni se tkun disponibbli biss skont it-tema malli jaslu r-Rapporti ta' Implimentazzjoni Annwali tal-2012 (fl-aħħar ta' Ġunju 2013).

**Grafika nru 2: Ir-rati aggregati ta' għażla tal-proġetti rrappurtati (2007-2011) u l-pagamenti ddikjarati mill-Istati Membri (2007-Janjar 2013)**



## 5. KONKLUŻJONIJIET

***Hemm evidenza ċara u dejjem akbar ta' programmi li jilhq u ħafna prijoritajiet ta' politika u f'ħafna Stati Membri.***

Ċifri kumulattivi dwar indikaturi ewlenin irrappurtati għall-programmi tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni juru l-kontribuzzjonijiet importanti li dawn il-programmi qed jagħmlu f'ħafna oqsma fejn l-investment huwa meħtieġ f'termini ta' modernizzazzjoni ekonomika u kompetittività. Kien hemm żieda sinifikanti ħafna fl-outputs rrappurtati fl-2011 meta mqabbla mas-snin ta' qabel. Għall-FSE għadd kbir ħafna ta' nies qed jibbenefikaw mill-programmi li qed jinvestu fl-aċċess għall-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-inklużjoni soċjali, u l-bini tal-kapaċità amministrattiva.

***Il-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni wrew li jħaddnu l-flessibilità biex jirreaġixxu għall-kriżi...***

Il-flessibilità intrinsika tal-politika ta' Koeżjoni wasslet biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet reġjonali u nazzjonali matul il-kriżi. Aktar minn 11 % tal-baġit disponibbli ġie pprogrammat mill-ġdid sa mill-bidu tal-perjodu. Programmazzjoni mill-ġdid sinifikanti fl-2011 u l-2012 aċċertat li l-programmi komplew jiġu allinjati mal-bżonnijiet li qed jinbidlu.

***.... iżda baqa' ħafna xi jsir u riskji f'xi oqsma strateġiċi.***

Huma mistennija riżultati sinifikanti minn dawn il-programmi matul it-33 xahar li ġejjin li jwasslu għall-ħolqien ta' impjiegi u tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jirdupjaw l-isforzi tagħhom u jimplementaw il-proġetti magħżula sa tmiem l-2015. Sforz bħal dan għandu wkoll jagħti kontribut importanti lill-għanijiet tal-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi mniedi mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2012.

Dan se jkun ta' sfida għal żewġ raġunijiet. Peress li l-politika ta' diskussjoni qiegħda kulma jmur titratta programmi futuri, l-attenzjoni tista' ddr fuq il-perjodu ta'

programmazzjoni l-ġdid. Barra minn hekk, il-persjoni fuq il-finanzi nazzjonali tista' tagħmilha diffiċli għal xi reġjuni biex isibu l-kofinanzjament biex jimplementaw il-programmi.

F'xi Stati Membri hemm dewmien serju fl-oqsma tal-innovazzjoni u r-R&Ż, il-ferrovija, is-servizzi tal-informatika u l-broadband, l-enerġija u l-bini tal-kapaċità. Xi Stati Membri jistgħu jaraw jiprogrammawx mill-ġdid fl-2014-15 lejn oqsma fejn huwa aktar faċli li jintefqu l-flus (bħal toroq lokali). Kwalunkwe programmazzjoni mill-ġdid ulterjuri għandha tkun orjentata b'mod ċar lejn investimenti li jimmassimizzaw l-impatt fuq it-ktabbir u l-impjiegi u tiġi evalwata bir-reqqa sabiex tiġi mmassimizzata l-possibbiltà ta' implimentazzjoni effettiva f'dan l-istadju avvanzat fil-perjodu ta' programmazzjoni.

### ***Il-Kummissjoni lesta tikkunsidra tnaqqis fil-kofinanzjament nazzjonali.***

Kwalunkwe tip ta' tnaqqis bħal dan għandu, madankollu, jkun kondizzjonali fir-rigward ta' (a) iċ-ċertezza li huma jgħinu biex iwasslu oqsma ta' prijetà għolja għall-politika, bħall-innovazzjoni fl-SMEs, l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, il-ferrovija, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u l-bini tal-kapaċità, u (b) l-allokkazzjoni tar-riżorsi nazzjonali hekk rilaxxati għall-appoġġ tal-investment għat-titjib tat-ktabbir nazzjonali, partikolarment l-investment b'perjodu qasir taż-żmien u b'effett antiċikliku jew li l-implimentazzjoni tiegħu tmur lil hinn mit-tmien tal-perjodu kurrenti ta' programmazzjoni.

### ***Il-programmi passati u attwali joffrulna tagħlimiet importanti ...***

B'taġhlima mill-bidu tardiv tal-programmi għal bejn l-2007 u l-2013, il-Kummissjoni se tkompli tħeġġeġ l-adozzjoni tal-atti leġislattivi meħtieġa kollha sabiex jiġi evitat dewmien fil-bidu tal-programmi l-ġodda. Se taħdem ukoll mill-qrib mal-Istati Membri fuq l-adozzjoni tal-programmi l-ġodda u diġà tat bidu għal preparazzjonijiet informali mal-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni tfakkar li l-eliġibbiltà skont il-perjodu attwali tispiċċa f'Diċembru 2015<sup>20</sup> u li sabiex jiġi evitat dewmien fl-investment skont il-programmi l-ġodda l-Istati Membri għandhom jiġġestixxu l-koinċidenza tal-programmi attwali u futuri.

### ***u l-evalwazzjoni u l-użu ta' indikaturi jeħtieġ li jissaħħaħ...***

Huwa importanti li l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni jkomplu jevalwaw l-impatt ta' interventi appoġġati għall-bqija ta' dan il-perjodu ta' programmazzjoni. Dan se jwassal għal fehim aħjar tal-kwalità tal-investimenti u liema miżuri huma l-aktar effettivi u għala.

Huwa daqstant ieħor importanti li jiġi kkonsolidat l-użu u l-monitoraġġ tal-indikaturi, u ta' indikaturi komuni b'mod partikolari. Din hija karatteristika ċentrali tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

### ***... u fil-ġejjieni hija meħtieġa programmazzjoni aħjar.***

Il-programmi għal bejn l-2007 u l-2013 għandhom mekkaniżmi sodi għat-traċċar tal-fluss tal-flus u l-assorbiment, iżda oħrajn batuti fl-issettjar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-għanijiet. Ir-rapporti huma għalhekk b'saħħithom fl-assorbiment iżda jbatu biex jipprovdu narrativa konvinċenti, sostnuta b'informazzjoni kwantifikata dwar il-progress fil-kisba tal-oġettivi. Dan ir-rapport u d-dokument ta'

<sup>20</sup>

L-Artikolu 56.1, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjaha huma l-ewwel tentattiv biex jiġi analizzat id-dħul, l-outputs u r-riżultati rrapportati mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni temmen li dibattitu pubbliku dwar dawn il-fatti u ċ-ċifri se jagħti inċentiv importanti għall-Istati Membri u r-reġjuni biex itejbu l-kwalità tar-rappurtaġġ tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar, din il-kontroazzjoni se tikkontribwixxu għal twassil iktar effettiv tal-għanijiet ta' politika.

L-analiżi li saret għal dan ir-rapport tikkonferma r-rilevanza tal-proposti magħmula mill-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss biex timplimenta politika orjentata lejn il-prestazzjoni u riżultati aktar b'saħħithom, b'konċentrazzjoni tematika u finanzjarja, kundizzjonijiet *ex ante* fis-seħħ biex tkun żgurata l-kwalità tal-investment u implimentazzjoni f'waqtha, u rapportaġġ regolari, affidabbli u antiċipat. Qed isir progress tajjeb sabiex jintlaħaq qbil dwar din it-tranżizzjoni fundamentali fil-fokus tal-politika mal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew. Dan ser iġib aktar responsabbiltà fil-futur għar-riżultati miksuba kif ukoll għar-riżorsi minfuqa.